MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1235/2012

**Five Effs Import Co. Ltd.**
**(C – 20458)**

**vs**

**Jonathan (K.I. 277083 (M)) u Melanie (K.I. 650082 (M)) konjugi Pace ezercenti l-kummerc taht l-isem Tyson Butcher**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat it-12 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti, wara li esponiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-intimati huma debituri taghha fl-ammont ta' tlieta u hamsin elf, disa' mija u disgha u disghin Ewro u tnejn u erbghin centezmu, (€53,999.42), bilanc minn somma akbar ghall-prezz ta' laham u ikel iehor iffrizat mibjugh u kkonsenjat lilhom f'diversi okkazjonijiet;

2. Illi ghalkemm interpellati, anke b'ittra legali, baqghu inadempjenti;

Effettwaw is-segwenti talbiet:

1. Illi stante li l-ammont fuq indikat hu wiehed cert, likwidu u dovut, il-procedura odjerna ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont minnhom ghalhekk dovut fuq riferit;

3. Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra legali tas-26 ta' Settembru, 2012; tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1867/12 ipprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet kummercjali skont il-ligi mis-7 ta' Dicembru, 2012, sad-data tal-effettiv pagament;

Rat in-nota konguntiva tal-kontendenti datata l-11 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha:

1. L-intimati konjugi Pace ammettew it-talbiet indirizzati lejhom mis-socjeta` rikorrenti, u dan, fit-termini tal-iskrittura ta' transazzjoni datata l-21 ta' Dicembru 2012;

2. Illi t-transazzjoni in dizamina tistipula sintetikament is-segwenti:

i. Illi l-intimati fuq indikati jiddikjaraw li huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' tlieta u hamsin elf, erba' mija u disa' u disghin Ewro u tnejn u erbghin centezmu, (€53,499.42), komprizi fl-imsemmi ammont l-interessi kummercjali sas-7 ta' Dicembru, 2012, bilanc ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom;

ii. Illi konsegwentement l-intimati qed jammettu t-talbiet kif dedotti u kif fuq korretti;

iii. Illi l-istess intimati konjugi Pace jobbligaw ruhhom li jhallsu s-somma hawn likwidata

flimkien mal-interessi kummercjali ulterjuri b’rati settimanali ta’ hames mitt Ewro, (€500.00), b’effett mit-28 ta’ Dicembru, 2012;

iv. Illi l-istess imsemmija ntimati jobbligaw ruhhom ukoll li jhallsu l-ispejjez skont it-taxxa ufficcjali rilaxxata mir-Registratur tal-Qorti:

a. Tal-kawza odjerna, (Rikors Numru 1235/12);

b. Tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li jgib in-numru 1867/12;

c. Illi dawn jithallsu mill-intimati fi zmien gimgha minn meta jigu pprezentati lilhom jew lid-difensur taghhom;

v. Illi *di piu`* l-istess intimati jintrabtu wkoll li, b’effett mis-7 ta’ Jannar, 2013, u matul il-perjodu kollu sa ma jithallas id-debitu in dizamina fuq indikat, jixtru minghand is-socjeta` rikorrenti merkanzija b’valur ta’ mhux anqas minn erbat elef Ewro, (€4,000.00), fil-gimgha, liema merkanzija tithallas bil-modalita` ndikata fil-paragrafu 5 tal-istess ftehim;

vi. Illi s-socjeta` rikorrenti tintrabat li l-prezz ta’ tali merkanzija jkun dak “tas-suq” u li tirrifondi lill-intimati Pace id-differenza jekk f’tali gimgha tkun bieghet lil terzi bi prezz anqas min dak mibjugh lill-intimati Pace;

vii. Illi f’kaz ta’ morozita`, anke wahda, tal-iskadenzi pattwiti, jew f’kaz li l-intimati Pace ma jonorawx l-obbligi minnhom assunti, anke ghal gimgha wahda (ara klawsoli pattwiti bejn il-partijiet, minnhom immarkati 3 u 5), l-intimati msemmija jitqiesu moruzi u awtomatikament jiddekadu mill-beneficcju tat-terminu;

viii. Illi konsegwentement, is-sentenza ottenuta fl-ismijiet premessi tigi ezegwibbli minnufih u l-kontendenti jaqblu li l-istess sentenza ghandha tinghata fit-termini fuq hawn esposti;

Ikkunsidrat:

Illi a skans ta’ dilungar inutili, in vista tal-premess, taghmel referenza ghar-riduzzjoni fit-talba tas-socjeta` rikorrenti u ghall-ammissjoni konsegwenzjali tal-intimati konjugi Pace u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimati Pace huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont pattwit ta’ tlieta u hamsin elf, erba’ mija u disgha u disghin Ewro, u tnejn u erbghin centezmu, (€53,499.42), komprizi l-interess kummercjali sas-7 ta’ Dicembru, 2012, bilanc ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom;

2. Tikkundanna lill-intimati Pace biex ihallsu s-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata, u dan, skont il-modalitajiet u skadenzi pattwiti bejn il-partijiet u fuq sintetikament esposti;

3. Bl-ispejjez kif fuq ukoll riferiti a bazi tal-istess ftehim, kontra l-istess intimati konjugi Pace.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------